***Notte Scarlatta***.

Biex il-Kunsill Lokali Ta' Sannat joqrob iktar lejn ic-cittadin.

Il-kunsill lokali Ta' Sannat qieghed jorganizza t-tieni edizzjoni hekk imsejha "Notte Scarlatta". Din is-sena n-Notte scarlatta se tkun imqasma fuq jumejn is-Sibt 24 u l-Hadd 25 ta' Settembru, 2011. Il-Kunsill lokali applika ghal skema li harget mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn ibbenifikajna minn fondi biex stajna intelghu din l-attivita.

It-tema ta' din is-sena se tkun fuq it-tieni gwerra dinjija - L-Attakk tal-10 t'Ottubru 1942. Attivita miftuha ghal familji kollha u li hi maghguna mal-istorja ta' pajjizna mhallta mal-modern. L-istendina tinkludi Dramm mahdum mill-ghaqda Drammatika Sannat, mixjiet kulturali, muzika tradizzjonali folklorista, tberik tal-annimali, area ghat-tfal, esibizjonijiet, vetturi miltari u hafna aktar. Se jkollna hafna affarijiet originali fejn se jispikka l-hiliet u l-kapacita tal-poplu ta' Sannat.

Se mmissu ma avveniment fl-istorja ta' rahalna u se nuru lil uliedna kemm baghtew generazzjonijiet ta' qabilna u ma xiex iltaqa rahalna. B'hekk se nifhmu aktar l-istorja ta' Sannat u napprezzaw iktar l-affarijiet imprezzabli li hallewlna missirijietna. Ahna fid-dmir li niehdu hsiebhom u nghadduhom lil ta' warajna.

Ghalhekk it-tifsira tal-ghaqda. B'din l-attivita l-poplu ta' Sannat ser jinsa d-differenzi tieghu u ikun poplu wiehed, poplu maghqud. Int min int, x'principji thaddan….mhux ser ibgheduk min din l-attivita "Notte Scarlatta". Nixtieq inzid ukoll li l-progetti u l-akkwisti li jirnexxielna naghmlu flimkien ser ikunu akkwisti li ser ingawduhom issa u ghal future. Dan kollu qed issir biex il-kunsill lokali ta' Sannat joqrob aktar lejn ic-cittadin.